# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru 277

KAZ NRU 328

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

bejn

Lucienne Chircop

u

Messrs Montreal Co Ltd

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 15 ta' Lulju, 1986

CHAIRMAN: MAJOR S.J.A. CLEWS MBIM, MIPM.

## VERBAL

1. INTRODUZZJONI

(a) Il-Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali rrefera lil dan it-Tribunal b'ittra tat-23 ta' Marzu, 1984 taht id-disposizjonijiet ta' l-Artikolu 28(2) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija li l-appellant qed tallega li kienet ingusta.

(b) It-Tribunal zamm 10 seduti. L-appellant kienet assistita mis-Sur A Coleiro, filwaqt li ghall-Kumpanija dehru s-Sur Carmelo Gatt u s-Sur Joe Coleiro.

(c) Fil-hames seduta t-Tribunal gie nfurmat li s-Sur R.A. Matrenza DPE(Oxon), FRES, MIM, ser jassisti lis-Sur Thomas Montalto illi deher ghall-Kumpanija Montreal Co Ltd, minflok is-Sur Carmelo Gatt u s-Sur Joe Coleiro.

(d) Fis-seba seduta Miss Chircop qalet illi gie miftiehem li s-Sur P Farrugia kien ser jassistiha flok is-Sur A.C. Coleiro.

2. FTEHIM BONARJU

(i) Wara l-ghaxar seduta, it-Tribunal gie nfurmat li kien intlahaq ftehim bonarju verbali bejn iz-zewg partijiet illi s-Sur Thomas Montalto jhallas is-somma ta' tlett elef u erbgha mitt lira Maltin (LM3,400) biex b'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(ii) Pero, fil-21 ta' Mejju, meta kollox kellu jigi ffinalizzat bil-miktub, irrizulta li l-ammont ta' LM3,400 kien maqsum fi tliet pagamenti li jithallsu fi zmien sena.

(a) Elf lira Maltin (LM1,000) jithallsu immedjatament

(b) Elf lira Maltin (LM1,000) f'Novembru, 1986, u

(c) Elf u erbgha mitt lira Maltin (LM1,400) f'Mejju, 1987.

(iii) Miss Chircop qalet li billi qatt qabel waqt il-ftehim ma kienu semmew kondizzjonijiet dwar pagament, kienet immaginat li ser tircievi s-somma kollha f'daqqa. Ghalhekk irrifjutat li taccetta l-ewwel pagament u li tiffirma d-dokumenti tal-ftehim.

(iv) Iz-zewg partijiet ghalhekk talbu t-Tribunal jkompli l-kaz.

3. DECIZJONI

(i) Peress li l-partijiet waslu ghal ftehim bonarju fuq somma ta' kumpens ta' LM3,400 (tlett elef u erbgha mitt lira Maltin), it-Tribunal ma kellu l-ebda skop li jisma aktar xhieda.

(ii) Fuq suggeriment tac-Chairman, iz-zewg partijiet qablu li joqghodu ghad-decizjoni tat-Tribunal ghall-mod kif ghandha tithallas is-somma ta' LM3,400.

(iii) Id-decizjoni tat-Tribunal ghanda tkun biss il-mod kif tithallas is-somma involuta.

(iv) Ghalhekk ic-Chairman jiddeciedi li s-Sur Thomas Montalto jhallas is-somma ta' LM3,400 (tlett elef u erbgha mitt lira Maltin) kif gej:-

(a) LM1,400 (elf u erbgha mitt lira Maltin) jithallsu mad-data ta' dan l-Award;

(b) LM1,000 (elf lira Maltin) jithallsu f'Settembru, 1986;

(c) LM1,000 (elf lira Maltin) jithallsu f'Dicembru, 1986.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

STANLEY J.A. CLEWS
Chairman

Edward D'Agostino
A/Segretarju

Data: 15 ta' Lulju, 1986

ja